# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru 43**

**Citaz. Numru 690/86 DS**

Andrew Azzopardi u Alexander Azzopardi
vs
Raymond Calleja

Illum, 22 ta' Gunju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Awissu 1986 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

1. Illi fis-16 ta' Settembru 1985 fit-3.30 p.m. waqt li l-attur Alexander Azzopardi kien qed isuq il-karrozza Alpha Nru. B-2581 propjeta tal-attur l-iehor Andrew Azzopardi minn St. Edward Street, Qormi, triq principali, hu gie investit minn karrozza Rover Nru. R-2116

misjuqa mill-konvenut li baqa' hiereg minn St. Cathrine Street fejn kellu "Stop Sign" u bla ma waqaf;

2. Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur Andrew Azzopardi sofra danni ingenti fil-vettura tieghu li ghalihom hu wkoll responsabbli fil-konfront tal-attur Andrew Azzopardi, l-attur l-ehor Alexander Azzopardi waqt li Alexander Azzopardi sofra wkoll danni minhabba telf ta' uzu tal-karrozza.

3. Billi dan l-incident gara unikament htija tal-istess konvenut u minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq referit;

2. tillikwida l-istess danni;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur jew lil min minnhom dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoniiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident sehh tort unikament tal-attur u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-23 ta' Frar 1987 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-16 ta' Settembru 1996 fejn, ghall-imsemmi perit legali, wara li l-Qorti giet infurmata li huwa ma xtaqx ikompli bl-inkarigu tieghu, giet sostitwita l-Avukatessa Dottor Veronica Galea Debono;

Rat id-digriet tat-3 ta' Marzu 1998 fejn il-kawza giet differita sine die u d-digriet sussegwenti tal-21 ta' April 1999 li permezz tieghu l-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghall-4 ta' Gunju 1999, f'liema data l-kawza giet a konjizzjoni tal-Qorti kif presjeduta li ordnat il-prosegwiment taghha quddiemha;

Rat l-atti l-ohra kollha relattivi u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara fis-16 ta' Settembru 1985 f'salib it-toroq iffurmat minn St. Edward Street u St. Catherine Street, Qormi, bejn il-karrozza Alpha numru B-2581 proprjeta` ta' l-attur Andrew Azzopardi u misjuqa mill-attur l-iehor Alexander Azzopardi (li fid-data tal-kollizjoni kien ghad ghandu sbatax-il sena) u Range Rover numru R-2116 misjuq mill-konvenut. L-attur Alexander Azzopardi kien qed isuq f'St. Edward Street sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug filwaqt li l-konvenut kien gej minn St. Catherine Street.

**Alexander Azzopardi** xehed l-ewwel darba fl-4 ta' Mejju 1987. Huwa qal li St. Edward Street kienet *two-way*. Quddiemu ma kien hemm hadd, la mixjin fid-direzzjoni tieghu u lanqas gejjin mill-faccata. Kien hemm karrozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu qabel l-inkrocju u mal-lemin kif taqbez l-inkrocju. Kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq b'xi 20 jew 30 mil fis-siegha. Dakinhar kienet ix-xita izda fil-hin ta' l-incident kienet wieqfa. Qabel ma wasal fl-inkrocju daqq il-horn kif jaghmel is-soltu. F'daqqa wahda ra lill-konvenut hiereg min-naha tal-lemin tieghu minn St. Catherine Street. Huwa zamm il-brakes izda saret il-habta. Il-habta kienet istantaneja u ma rax lill-konvenut wieqaf fl-inkrocju qabel il-habta. Huwa jaqbel mal-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi u kif indikat fl-iskizz anness mac-citazzjoni. Meta rega' xehed fis-7 ta' April 2000 qal li kien hemm *stop sign* f'tarf St. Catherine Street u li bid-daqqa gie jhares l-via tal-konvenut.

L-atturi pproducew ukoll bhala xhud taghhom lil **Noel Abela** li kien riekeb ma' Alexander Azzopardi fil-hin ta' l-incident. Huwa qal li x'hin waslu fl-inkrocju siehbu daqq il-horn, naqqas l-ispeed, baqghu ghaddejjin u f'daqqa wahda giet karrozza mil-lemin u laqtithom. Qabel id-daqqa l-

vettura l-ohra ma rahiex wieqfa fl-inkrocju. Mad-daqqa l-karrozza taghhom daret lejn ix-xellug.

**Raymond Calleja**, il-konvenut, xehed l-ewwel darba fid-9 ta' Mejju 1992 u qal li qabel ma gie fl-inkrocju waqaf imbaghad hareg biex jaqsam ghall-faccata tieghu u Azzopardi laqtu fuq ir-rota ta' quddiem. Bid-daqqa tellghu fuq il-bankina. Huwa qabel mal-pozizzjoni tal-vettura tieghu kif indikat fl-iskizz. Zied jispjega li meta grat il-habta kien hareg tant li kien ser jaqbad it-triq l-ohra li ried jidhol fiha. Meta rega' xehed fit-2 ta' Novembru 2000 qal li hu kien diga` dahal go St. Edward Street, li kien ghadda. Meta gie mistoqsi jekk jafx li kien hemm *stop sign* mnejn kien hiereg wiegeb li ttawwal ma kien gej hadd. Mistoqsi jekk qabel ma hareg waqafx zopptu wiegeb li waqaf, ma kien gej hadd u qala' bil-mod. Meta rega' gie mistoqsi jekk waqafx ghal kollox fil-kantuniera huwa wiegeb li ma kienx gej isuq ghax hares *"ittik it-triq li tara, ma kien gej hadd u f'daqqa u l-hin gie dan fuqi u f'habta u sabta"*. Mistoqsi ghat-tielet darba jekk waqafx ghal kollox wiegeb: *"It-triq ma tippermettix li tidhol issuq gas down, tghaddi bil-mod, ghax tfal, karrozzi z-zewg nahat, jigifieri ghaddej, ma kien gej hadd, kont kwazi lest, ghaddejt ghal salib it-toroq, kien tiela' jsuq ... u sab lili tani daqqa gor-rota"*. Qal ukoll li hares 'l hawn u 'l hemm qabel ma hareg. In kontro-ezami wkoll sostna li waqaf u qala' ghax ma kien gej hadd. U dwar jekk kienx hemm *stop sign* qal li ma jafx.

L-ewwelnett irid jigi stabbilit jekk it-toroq in kwistjoni kinux toroq ta' importanza ugwali jew jekk St. Edward Street kenitx *main road* fil-konfront ta' St. Catherine Street. Jidher li fi zmien il-kollizjoni St. Edward Street kienet triq *two-way*. Kienet iktar wiesa' minn St. Catherine Street – dan jirrizulta mill-iskizz tal-Pulizija. P.S. 630 Carmelo Micallef

xehed (fis-7 ta' April 2000) li St. Edward Street jidhirlu li kienet *mian road* hdejn St. Catherine Street. Qal li St. Edward Street passaggjuza izjed, tiflah aktar *traffic* u kkonferma wkoll li hija triq usa. Ma setax jikkonferma pero` jekk kienx hemm *stop sign* f'tarf St. Catherine Street u qal li kieku kienet tkun indikata fl-iskizz. Hawn il-Qorti tosserva li effettivament fl-iskizz esebit mac-citazzjoni hemm il-kliem *"stop sign"* indikati fit-tarf ta' St. Catherine Street fuq ix-xellug mnejn kien hiereg il-konvenut. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju ghalhekk li hawn si tratta ta' inkrocju ffurmat minn *main road* (St. Edward Street) u *side road* (St. Catherine Street) u ghalhekk id-dritta kienet certament tispetta lil Alexander Azzopardi.

Il-Highway Code jghid fl-artikolu 91: *"Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road"*. Qabel ma jeffettwa l-manuvra tieghu l-konvenut kellu jieqaf fl-inkrocju, jesplora sew St. Edward Street ghal traffiku li seta' kien gej u jibda l-manuvra tieghu biss wara li jaccerta ruhu li jista' jaqsam minghajr ma jkun ta' ostakolu ghal traffiku iehor li jista' jkun hemm fit-triq, cioe` minghajr ma jostakola l-i*stream of traffic*. Il-konvenut ighid li waqaf, hares 'l hawn u 'l hemm u qasam ghax ma kien gej hadd. Mela mnejn gie l-attur Alexander Azzopardi? Il-konvenut stess ighid li St. Edward Street *"ittik it-triq li tara"*. Il-Qorti ma tistax ma tosservax il-mod evaziv li bih il-konvenut wiegeb ghal diversi domandi, liema cirkostanza twassal lill-Qorti biex tikkonkludi li ma jistax ikun li l-konvenut waqaf fl-inkrocju izda li qabad u hareg minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega, u dan meta kien hemm sahansitra *stop sign* fit-triq. Bin-nonkuranza tieghu ghalhekk gie li ostakola lill-attur li kien qed isuq fil-*main road* fid-dritt.

Inoltre ma rrizultax li l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv ghal-lokalita` u lanqas li l-ispeed tieghu kien b'xi mod determinanti ghall-incident (ara per ezempju "Hugh P. Zammit noe vs George Baldacchino" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Gunju 1996). Anzi l-*brake marks* li halla huma indikattivi ta'speed mhux eccessiv u wisq anqas sfrenat, l-angolazzjoni tal-karrozza tieghu kif rizultanti fl-iskizz turi li din ingibdet mill-vettura tal-konvenut u d-daqqa fuq il-genb ta' quddiem tal-vettura tal-konvenut turi wkoll li mhux minnu li l-konvenut kien diga` qabad il-parti l-ohra ta' St. Catherine Street fejn ried jidhol izda li kien ghadu kemm hareg ghal go l-inkrocju. Il-fatt li l-attur Alexander Azzopardi ma kienx ghad ghandu licenzja tas-sewqan peress li kien ghad ghandu sbatax-il sena meta gara l-incident (kellu jaghlaq it-tmintax ftit anqas minn tliet gimghat wara) irrendieh soggett ghall-proceduri kriminali izda ma jirrendiehx awtomatikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Difatti, kif irrizulta, il-kawza determinanti ta' l-incident ma kienx is-sewqan tieghu izda dak tal-konvenut li baqa' hiereg minn go *side road* ghal *main road* minghajr ma zamm *a proper look-out* u minghajr ma ta d-dritta lil min kien qed isuq fil-*main road*. Konsegwentement il-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-atturi.

Fit-23 ta' Settembru 1988 l-attur Andrew Azzopardi xehed li d-danni totali gew jammontaw ghal Lm1197.61. Fis-7 ta' April 2000 l-attur Alexander Azzopardi esebixxa prospett ghal total ta' Lm1135.61 u esebixxa l-ircevuti relattivi. Ta' min ighid li fl-ebda waqt ma kien hemm kontestazzjoni dwar id-danni da parti tal-konvenut.

Dwar il-prospett il-Qorti osservat li l-addizzjoni tal-figuri kollha msemmija iggib total ta' Lm1176.61 u mhux ta' Lm1135.61, li l-ircevuta

numru 61 ghal silencer hija ta' Lm35 u mhux ta' Lm31 kif indikat fil-prospett, li ghall-ahhar zewg *items*, u cioe` d-*dashboard* u r-*radiator fan*, ma gewx prodotti rcevuti, u li rcevuta ghal Lm3 datata 6 ta' Awissu 1986 ghal RAR u skizz ma gietx indikata fil-prospett.

Il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm ghaz-zewg *items* imsemmija ma gewx esebiti rcevuti, min-natura tad-daqqa u d-danni rizultanti, ir-rizarciment ta' dawn l-*items* huwa gustifikat. Inoltre ghas-*silencer* ghandha tizdied id-differenza ta' Lm4 kif ukoll ghandha tizdied is-somma ta' Lm3 ghar-RAR u skizz. It-total ta' danni li qed jigi likwidat huwa ghalhekk ta' Lm1183.61.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm1183.61, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' Lm1183.61 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur